2024/2959

2.12.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2959

tad-29 ta' Novembru 2024

li jaħtar il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għas-saħħa pubblika fir-rigward tal-batterji li jinġarru mill-ikel u mill-ilma; tal-elminti u l-protożoa li jinġarru mill-ikel, mill-ilma u mill-vetturi; u tal-viruses li jinġarru mill-ikel u mill-ilma

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) 2022/2371, il-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea ("il-laboratorji ta' referenza tal-UE") fil-qasam tas-saħħa pubblika jew għal oqsma speċifiċi tas-saħħa pubblika rilevanti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jipprovdu appoġġ lil-laboratorji ta' referenza nazzjonali u jippromwovu l-prattiki tajbin u l-allinjament tal-Istati Membri fir-rigward tad-dijanjostika, tal-metodi tal-ittestjar u l-użu ta' ċerti testijiet għas-sorveljanza, tan-notifika u tar-rappurtar uniformi tal-mard mill-Istati Membri.

(2) F'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2022/2371, f'April 2024 [2] il-Kummissjoni nediet sejħiet għall-applikazzjonijiet għall-ħatra ta' laboratorji ta' referenza tal-UE fi tliet oqsma tas-saħħa pubblika, jiġifieri għall-batterji li jinġarru mill-ikel u mill-ilma; għall-elminti u l-protożoa li jinġarru mill-ikel, mill-ilma u mill-vetturi; u għall-viruses li jinġarru mill-ikel u mill-ilma.

(3) Bi tweġiba għal dawk is-sejħiet, l-Istati Membri ppreżentaw applikazzjonijiet għall-ħatra sal-14 ta' Awwissu 2024, li ġew evalwati minn bord tal-għażla mwaqqaf mis-servizzi tal-Kummissjoni.

(4) Il-bord tal-għażla qies il-kriterji għal-laboratorji ta' referenza tal-UE stabbiliti fl-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) 2022/2371 u fis-sejħiet għall-applikazzjoni.

(5) Wara li titlesta l-proċedura ta' għażla, jenħtieġ li l-laboratorji magħżula jinħatru bħala l-laboratorji ta' referenza tal-UE u jiġu speċifikati r-responsabbilitajiet u l-kompiti tagħhom.

(6) Sabiex jintuża l-finanzjament allokat fil-programm ta' ħidma annwali tal-UE għas-Saħħa għall-2024 [3], il-ħatra tal-laboratorji ta' referenza tal-UE fil-qasam tas-saħħa pubblika jenħtieġ li tiġi prevista malajr kemm jista' jkun.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-theddid transkonfinali serju għas-saħħa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-konsorzju msemmi fl-Anness I huwa maħtur bħala l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għas-saħħa pubblika fir-rigward tal-batterji li jinġarru mill-ikel u mill-ilma sat-22 ta' Diċembru 2031.

2. Ir-responsabbiltajiet u l-kompiti ta' dak il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea huma stabbiliti f'dak l-Anness.

[1] ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2371/oj.
[2] https://health.ec.europa.eu/consultations/eu-reference-laboratories-public-health-2024-calls-applications_en.
[3] https://health.ec.europa.eu/publications/2024-eu4health-work-programme_en.

Artikolu 2

1. Il-konsorzju msemmi fl-Anness II huwa maħtur bħala l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għas-saħħa pubblika fir-rigward tal-elminti u tal-protożoa li jinġarru mill-ikel, mill-ilma u mill-vetturi sat-22 ta' Diċembru 2031.

2. Ir-responsabbiltajiet u l-kompiti ta' dak il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea huma stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 3

1. Il-konsorzju msemmi fl-Anness III huwa maħtur bħala l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għas-saħħa pubblika fir-rirgward tal-viruses li jinġarru mill-ikel u mill-ilma sat-22 ta' Diċembru 2031.

2. Ir-responsabbiltajiet u l-kompiti ta' dak il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea huma stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Il-laboratorju ta' referenza tal-UE għas-saħħa pubblika fir-rigward tal-batterji li jinġarru mill-ikel u mill-ilma, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tiegħu

1. Il-konsorzju maħtur bħala l-laboratorju ta' referenza tal-UE għas-saħħa pubblika fir-rigward tal-batterji li jinġarru mill-ikel u mill-ilma (minn hawn 'il quddiem, "EURL"):

   Konsorzju mmexxi minn:

   Statens Serum Institut, Artillerivej 5, 2300 Kobenhavn S, id-DANIMARKA;

   Magħmul ukoll minn:

   Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu, Antonie van Leeuwenhoeklaan 9, 3721 MA, Bilthoven, in-NETHERLANDS, minn Mejju 2025: Helsinkilaan 1, 3584 CB, Utrecht, in-NETHERLANDS,

   Istituto Superiore di Sanità, Viale Regina Elena 299, 00161, Ruma RM, l-ITALJA.

2. Responsabbiltajiet u Kompiti:

   L-EURL għandu jipprovdi appoġġ lil-laboratorji nazzjonali ta' referenza u jippromwovi l-prattika tajba u l-kwalità biex tissaħħaħ il-mikrobijoloġija tas-saħħa pubblika fil-qasam tal-batterji li jinġarru mill-ikel u mill-ilma.

   L-EURL għandu jipprovdi appoġġ lil dawn il-laboratorji ta' referenza nazzjonali għall-attivitajiet relatati mal-batterji li jinġarru mill-ikel u mill-ilma li ġejjin: *Salmonella* spp., *E. coli* li tipproduċi t-tossina Shiga (STEC), *Listeria monocytogenes*, *Campylobacter* spp. u*Shigella* spp.. L-ambitu tal-EURL jinkludi wkoll *Vibrio* spp. u *Yersinia* spp. (minbarra *Y. pestis*). Jekk ikun hemm ħtieġa, fil-livell tal-UE, relatata ma' batterji oħra li jinġarru mill-ikel u mill-ilma li jkunu ta' rilevanza għas-saħħa pubblika, l-EURL jista' jintalab ukoll jipprovdi input u pariri dwar dawk il-batterji.

   L-EURL għandu jipprovdi appoġġ lill-membri tan-Network Ewropew ta' Mard li jinġarru mill-Ikel u mill-Ilma u Żoonożi (FWD-Net) ([1]) taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) dwar aspetti relatati mad-dijanjostika, il-metodi tal-ittestjar, l-użu ta' ċerti testijiet għas-sorveljanza, in-notifika u r-rappurtar uniformi tal-mard.

   Għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet skont il-pjan ta' ħidma tal-EURL u li l-EURL għandu jiżviluppa u jaqbel dwaru mal-ECDC, l-EURL għandu jikkoordina l-Punti Fokali Nazzjonali (NFPs) għall-Mard li Jinġarr mill-Ikel u mill-Ilma u l-Punti ta' Kuntatt Operazzjonali (OCPs) għall-Mikrobijoloġija relevanti għall-EURL.

   Fuq talba mill-ECDC, l-EURL għandu jipparteċipa fin-networks u l-istrutturi rilevanti tal-ECDC. L-EURL għandu jipparteċipa fin-network ta' laboratorji ta' referenza tal-UE li għandu jiġi operat u kkoordinat mill-ECDC f'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2022/2371.

   L-EURL għandu jiżgura li jkun hemm:

   — għadd suffiċjenti ta' persunal ikkwalifikat b'rabta mal-volum tal-kompiti li għandhom jitwettqu mill-EURL fl-ambitu tad-dežinjazzjoni tiegħu;

   — taħriġ adegwat tal-persunal għat-twettiq tal-kompiti tal-EURL.

   L-EURL għandu jistabbilixxi l-politika tal-kunfidenzjalità tiegħu, inkluż ir-regoli għall-ġestjoni, il-ħżin u l-ipproċessar tal-kampjuni u tal-informazzjoni b'mod xieraq u sikur, kif ukollmiżuri għall-prevenzjoni ta' żvelar mhux dovut ta' informazzjoni kunfidenzjali.

([1]) https://www.ecdc.europa.eu/en/about-us/partnerships-and-networks/disease-and-laboratory-networks/fwd-net.

L-EURL għandu jkun responsabbli għad-dmirijiet li ġejjin:

(a) l-għoti ta' ttestjar ta' referenza fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti min-network(s);

(b) l-għoti ta' materjali ta' referenza fiżiċi u/jew diġitali fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti min-network(s);

(c) l-għoti ta' skemi esterni ta' valutazzjoni tal-kwalità bħal testijiet tal-profiċjenza fenotipiċi jew ġenomiċi, fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti min-network(s);

(d) l-għoti ta' pariri xjentifiċi u assistenza teknika fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti min-network(s);

(e) il-parteċipazzjoni f'kumitati esperti, eż. il-Bord Konsultattiv ECDC – l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) dwar il-ġestjoni u l-kondiviżjoni ta' *data* dwar it-tipizzazzjoni molekulari ta' iżolati mill-bnedmin, l-ikel, l-għalf, l-annimali u l-ambjent relatat, sabiex jingħataw pariri esperti fil-qasam tal-EURL;

(f) l-għoti ta' pariri xjentifiċi u assistenza teknika fil-qasam tal-EURL lill-ECDC abbażi ta' opinjonijiet esperti u/jew stħarriġ fost il-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL;

(g) l-għoti ta' informazzjoni, gwida u appoġġ lill-ECDC f'sitwazzjonijiet ta' tifqigħat ta' mard fil-qasam tal-EURL, inkluż l-għoti ta' kontribuzzjonijiet għall-valutazzjonijiet tar-riskju tal-ECDC;

(h) l-għoti ta' assistenza xjentifika u teknika lill-Kummissjoni fir-rigward tal-qasam speċifiku tas-saħħa pubblika tal-EURL u f'koordinazzjoni mal-ECDC;

(i) l-organizzazzjoni u l-għoti ta' taħriġ, bħal workshops, webinars, eżerċizzji ta' simulazzjoni, taħriġ "wet lab" u/jew eżerċizzji ta' sorveljanza pilota, fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL;

(j) l-iżgurar tal-koordinazzjoni, il-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni mal-membri tan-network(s) appoġġati mill-EURL, u mal-ECDC, inkluż l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ħidma annwali u l-qbil dwarhom;

(k) l-organizzazzjoni ta' laqgħat għall-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL;

(l) l-iżgurar ta' koordinazzjoni ma' laboratorji ta' referenza oħra tal-UE fil-qasam tas-saħħa pubblika u/jew f'oqsma oħra bħall-għalf, l-ikel u s-saħħa tal-annimali u/jew l-apparati mediċi *in vitro*, iċ-Ċentri ta' Kollaborazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u/jew il-laboratorji ta' referenza tal-WHO, jew inizjattivi rilevanti fil-qasam tal-EURL;

(m) il-kollaborazzjoni, f'kooperazzjoni mal-ECDC, mal-EFSA u/jew mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), skont kif rilevanti;

(n) il-kollaborazzjoni, f'kooperazzjoni mal-ECDC, ma' laboratorji f'pajjiżi terzi f'kuntest internazzjonali li jkun ta' benefiċċju għas-saħħa pubblika fil-livell tal-UE, skont kif rilevanti;

(o) l-għoti ta' assistenza xjentifika u teknika dwar kwistjonijiet oħra rilevanti għall-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL.

ANNESS II

Il-laboratorju ta' referenza tal-UE għas-saħħa pubblika fir-rigward tal-elminti u tal-protożoa li jinġarru mill-ikel, mill-ilma u mill-vetturi, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tiegħu

1. Il-konsorzju maħtur bħala l-laboratorju ta' referenza tal-UE għas-saħħa pubblika fir-rigward tal-elminti u l-protożoa li jinġarru mill-ikel, mill-ilma u mill-vetturi (minn hawn 'il quddiem, "EURL"):

   Konsorzju mmexxi minn:

   Istituto Superiore di Sanità, Viale Regina Elena 299, 00161, Ruma RM, l-ITALJA;

   Magħmul ukoll minn:

   Folkhälsomyndigheten, Nobels väg 18, 171 82 Solna, l-IŻVEZJA.

2. Responsabbiltajiet u Kompiti:

   L-EURL għandu jipprovdi appoġġ lil-laboratorji nazzjonali ta' referenza u jippromwovi l-prattika tajba u l-kwalità biex tissaħħaħ il-mikrobijoloġija tas-saħħa pubblika fil-qasam tal-elminti u tal-protożoa li jinġarru mill-ikel, mill-ilma u mill-vetturi.

   L-EURL għandu jipprovdi appoġġ lil dawn il-laboratorji ta' referenza nazzjonali għal attivitajiet relatati mal-elminti u l-protożoa li jinġarru mill-ikel, mill-ilma u mill-vetturi li ġejjin: *Echinococcus* spp., *Toxoplasma* gondii, *Trichinella* spp., u*Plasmodium* spp.. Jekk ikun hemm ħtieġa fil-livell tal-UE relatata ma' parassiti oħra li jinġarru mill-ikel, mill-ilma u mill-vetturi ta' rilevanza għas-saħħa pubblika (eż. *Cryptosporidium* spp., *Giardia lamblia*, *Leishmania* spp., *Strongyloides stercoralis*, u *Taenia solium*), l-EURL jista' jintalab ukoll jipprovdi input u pariri dwar dawk l-elminti u l-protożoa.

   L-EURL għandu jipprovdi appoġġ lill-membri tan-networks tal-laboratorju tan-Network Ewropew ta' Mard Emerġenti u Mard li Jinġarr mill-Vetturi (EVD-Net) ([1]) u n-Network Ewropew ta' Mard li Jinġarr mill-Ikel u mill-ilma u Żoonożi (FWD-Net) ([2])taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) dwar aspetti relatati mad-dijanjostika, il-metodi tal-ittestjar, l-użu ta' ċerti testijiet għas-sorveljanza, in-notifika u r-rappurtar uniformi tal-mard.

   Għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet skont il-pjan ta' ħidma tal-EURL u li l-EURL għandu jiżviluppa u jaqbel dwaru mal-ECDC, l-EURL għandu jikkoordina l-Punti Fokali Nazzjonali (NFPs) għall-Mard li Jinġarr mill-Ikel u mill-Ilma u għall-Mard Emerġenti u Mard li jinġarr mill-Vetturi, u l-Punti ta' Kuntatt Operazzjonali (OCPs) għall-Mikrobijoloġija relevanti għall-EURL.

   Fuq talba mill-ECDC, l-EURL għandu jipparteċipa fin-networks u l-istrutturi rilevanti tal-ECDC. L-EURL għandu jipparteċipa fin-network ta' laboratorji ta' referenza tal-UE li għandu jiġi operat u kkoordinat mill-ECDC f'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2022/2371.

   L-EURL għandu jiżgura li jkun hemm:

   — għadd suffiċjenti ta' persunal ikkwalifikat b'rabta mal-volum tal-kompiti li għandhom jitwettqu mill-EURL fl-ambitu tal-ħatra tagħhom;

   — taħriġ adegwat tal-persunal għat-twettiq tal-kompiti tal-EURL.

   L-EURL għandu jistabbilixxi l-politika tal-kunfidenzjalità tiegħu, inkluż ir-regoli għall-ġestjoni, il-ħżin u l-ipproċessar ta' kampjuni u informazzjoni b'mod xieraq u sikur, kif ukollmiżuri għall-prevenzjoni ta' żvelar mhux dovut ta' informazzjoni kunfidenzjali.

([1]) https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/what-we-do/partners-and-networks/disease-and-laboratory-networks/european-emerging-and.

([2]) https://www.ecdc.europa.eu/en/about-us/partnerships-and-networks/disease-and-laboratory-networks/fwd-net.

L-EURL għandu jkun responsabbli għad-dmirijiet li ġejjin:

(a) l-għoti ta' servizzi ta' referenza dijanjostika u ta' karatterizzazzjoni tal-patoġeni fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti min-network(s);

(b) l-għoti ta' materjali ta' referenza fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti minn dan/dawn in-network(s);

(c) l-għoti ta' skemi esterni ta' valutazzjoni tal-kwalità għad-dijanjostika u l-karatterizzazzjoni ta' elminti u protożoa magħżula, fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti min-network(s);

(d) l-għoti ta' pariri xjentifiċi u assistenza teknika fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti min-network(s);

(e) il-parteċipazzjoni f'kumitati esperti, eż. il-Bord Konsultattiv ECDC – l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) dwar il-ġestjoni u l-kondiviżjoni ta' *data* dwar it-tipizzazzjoni molekulari ta' iżolati mill-bnedmin, l-ikel, l-għalf, l-annimali u l-ambjent relatat, sabiex jingħataw pariri esperti fil-qasam tal-EURL;

(f) l-għoti ta' pariri xjentifiċi u assistenza teknika fil-qasam tal-EURL lill-ECDC abbażi ta' opinjonijiet esperti u/jew stħarriġ fost il-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL;

(g) l-għoti ta' informazzjoni, gwida u appoġġ lill-ECDC f'sitwazzjonijiet ta' tifqigħat ta' mard fil-qasam tal-EURL, inkluż l-għoti ta' kontribuzzjonijiet għall-valutazzjonijiet tar-riskju tal-ECDC;

(h) l-għoti ta' assistenza xjentifika u teknika lill-Kummissjoni fir-rigward tal-qasam speċifiku tas-saħħa pubblika tal-EURL u f'koordinazzjoni mal-ECDC;

(i) l-organizzazzjoni u l-għoti ta' taħriġ, bħal workshops, webinars u taħriġ "wet lab", fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL;

(j) l-iżgurar tal-koordinazzjoni, il-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni mal-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, u mal-ECDC, inkluż l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ħidma annwali u l-qbil dwarhom;

(k) l-organizzazzjoni ta' laqgħat għall-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL;

(l) l-iżgurar ta' koordinazzjoni ma' laboratorji ta' referenza oħra tal-UE fil-qasam tas-saħħa pubblika u/jew f'oqsma oħra bħall-għalf, l-ikel u s-saħħa tal-annimali u/jew l-apparati mediċi *in vitro*, iċ-Ċentri ta' Kollaborazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u/jew il-laboratorji ta' referenza tal-WHO, jew inizjattivi rilevanti fil-qasam tal-EURL;

(m) il-kollaborazzjoni, f'kooperazzjoni mal-ECDC, mal-EFSA u/jew mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), skont kif rilevanti;

(n) il-kollaborazzjoni, f'kooperazzjoni mal-ECDC, ma' laboratorji f'pajjiżi terzi f'kuntest internazzjonali li jkun ta' benefiċċju għas-saħħa pubblika fil-livell tal-UE, skont kif rilevanti;

(o) l-għoti ta' assistenza xjentifika u teknika dwar kwistjonijiet oħra rilevanti għall-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL.

ANNESS III

Il-laboratorju ta' referenza tal-UE għas-saħħa pubblika fir-rigward tal-viruses li jinġarru mill-ikel u mill-ilma, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tiegħu

1. Il-konsorzju maħtur bħala l-laboratorju ta' referenza tal-UE għas-saħħa pubblika fir-rigward tal-viruses li jinġarru mill-ikel u mill-ilma (minn hawn 'il quddiem, "EURL"):

   Konsorzju mmexxi minn:

   L-Istitut Norveġiż tas-Saħħa Pubblika (NIPH), Lovisenberggata 6, 0456 Oslo, in-NORVEĠJA;

   Magħmul ukoll minn:

   Rijksinstituut voor Volksgezondheid en Milieu, Antonie van Leeuwenhoeklaan 9, 3721 MA, Bilthoven, in-NETHERLANDS, minn Mejju 2025: Helsinkilaan 1, 3584 CB, Utrecht, in-NETHERLANDS,

   Iċ-Ċentru Mediku tal-Università ta' Regensburg, Franz-Josef-Strauss-Allee 11, ID-93053 Regensburg, il-ĠERMANJA.

2. Responsabbiltajiet u Kompiti:

   L-EURL għandu jipprovdi appoġġ lil-laboratorji nazzjonali ta' referenza u jippromwovi l-prattika tajba u l-kwalità biex tissaħħaħ il-mikrobijoloġija tas-saħħa pubblika fil-qasam tal-viruses li jinġarru mill-ikel u mill-ilma.

   L-EURL għandu jipprovdi appoġġ lil dawn il-laboratorji ta' referenza nazzjonali għall-attivitajiet relatati mal-virus tal-epatite A. L-ambitu tal-EURL jinkludi wkoll il-virus tal-epatite E. Jekk ikun hemm ħtieġa fil-livell tal-UE, relatata ma' viruses oħra li jinġarru mill-ikel u mill-ilma li jkunu ta' rilevanza għas-saħħa pubblika, l-EURL jista' jintalab ukoll jipprovdi input u pariri dwar dawk il-viruses.

   L-EURL għandu jipprovdi appoġġ lill-membri tan-Network Ewropew ta' Mard li jinġarr mill-Ikel u mill-Ilma u Żoonożi (FWD-Net) ([1]) taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) dwar aspetti relatati mad-dijanjostika, il-metodi tal-ittestjar, l-użu ta' ċerti testijiet għas-sorveljanza, in-notifika u r-rappurtar uniformi tal-mard.

   Għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet skont il-pjan ta' ħidma tal-EURL, li l-EURL għandu jiżviluppa u jaqbel dwaru mal-ECDC, l-EURL għandu jikkoordina l-Punti Fokali Nazzjonali (NFPs) għall-Mard li Jinġarr mill-Ikel u mill-Ilma u l-Punti ta' Kuntatt Operazzjonali (OCPs) għall-Mikrobijoloġija relevanti għall-EURL.

   Fuq talba mill-ECDC, l-EURL għandu jipparteċipa fin-networks u l-istrutturi rilevanti tal-ECDC. L-EURL għandu jipparteċipa fin-network ta' laboratorji ta' referenza tal-UE li għandu jiġi operat u kkoordinat mill-ECDC f'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2022/2371.

   L-EURL għandu jiżgura li jkun hemm:

   — għadd suffiċjenti ta' persunal ikkwalifikat b'rabta mal-volum tal-kompiti li għandhom jitwettqu mill-EURL fl-ambitu tal-ħatra tiegħu;

   — taħriġ adegwat tal-persunal għat-twettiq tal-kompiti tal-EURL.

   L-EURL għandu jistabbilixxi l-politika tal-kunfidenzjalità tiegħu, inkluż ir-regoli għall-ġestjoni, il-ħżin u l-ipproċessar tal-kampjuni u tal-informazzjoni b'mod xieraq u sikur, kif ukollmiżuri għall-prevenzjoni ta' żvelar mhux dovut ta' informazzjoni kunfidenzjali.

([1]) https://www.ecdc.europa.eu/en/about-us/partnerships-and-networks/disease-and-laboratory-networks/fwd-net.

L-EURL għandu jkun responsabbli għall-kompiti li ġejjin:

(a) l-għoti ta' servizzi ta' referenza dijanjostika u ta' karatterizzazzjoni tal-patoġeni fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti min-network(s);

(b) l-għoti ta' skemi esterni ta' evalwazzjoni tal-kwalità għad-dijanjostika u l-karatterizzazzjoni ta' viruses jew gruppi ta' viruses magħżula, fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti min-network(s);

(c) l-għoti ta' pariri xjentifiċi u assistenza teknika fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġati mill-EURL, skont il-ħtiġijiet definiti min-network(s);

(d) il-parteċipazzjoni f'kumitati esperti, eż. il-Bord Konsultattiv ECDC – l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) dwar il-ġestjoni u l-kondiviżjoni ta' *data* dwar it-tipizzazzjoni molekulari ta' iżolati mill-bnedmin, l-ikel, l-għalf, l-annimali u l-ambjent relatat, sabiex jingħataw pariri esperti fil-qasam tal-EURL;

(e) l-għoti ta' pariri xjentifiċi u assistenza teknika fil-qasam tal-EURL lill-ECDC abbażi ta' opinjonijiet esperti u/jew stħarriġ fost il-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL;

(f) l-għoti ta' informazzjoni, gwida u appoġġ lill-ECDC f'sitwazzjonijiet ta' tifqigħat ta' mard fil-qasam tal-EURL, inkluż l-għoti ta' kontribuzzjonijiet għall-valutazzjonijiet tar-riskju tal-ECDC;

(g) l-għoti ta' assistenza xjentifika u teknika lill-Kummissjoni fir-rigward tal-qasam speċifiku tas-saħħa pubblika tal-EURL u f'koordinazzjoni mal-ECDC;

(h) l-organizzazzjoni u l-għoti ta' taħriġ, bħal workshops, webinars, eżerċizzji ta' simulazzjoni, taħriġ "wet lab" u/jew eżerċizzji ta' sorveljanza pilota, fil-qasam tal-EURL lill-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL;

(i) l-iżgurar tal-koordinazzjoni, il-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni mal-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL, u mal-ECDC, inkluż l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ħidma annwali u l-qbil dwarhom;

(j) l-organizzazzjoni ta' laqgħat għall-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL;

(k) l-iżgurar ta' koordinazzjoni ma' laboratorji ta' referenza oħra tal-UE fil-qasam tas-saħħa pubblika u/jew f'oqsma oħra bħall-għalf, l-ikel u s-saħħa tal-annimali u/jew l-apparati mediċi *in vitro*, iċ-Ċentri ta' Kollaborazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) u/jew il-laboratorji ta' referenza tal-WHO, jew inizjattivi rilevanti fil-qasam tal-EURL;

(l) il-kollaborazzjoni, f'kooperazzjoni mal-ECDC, mal-EFSA u/jew mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), skont kif rilevanti;

(m) il-kollaborazzjoni, f'kooperazzjoni mal-ECDC, ma' laboratorji f'pajjiżi terzi f'kuntest internazzjonali li jkun ta' benefiċċju għas-saħħa pubblika fil-livell tal-UE, skont kif rilevanti;

(n) l-għoti ta' assistenza xjentifika u teknika dwar kwistjonijiet oħra rilevanti għall-membri tan-network(s) appoġġat(i) mill-EURL